## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 657/2022**

***REPUBBLIKA***

***VS.***

***L-AVUKAT ĠENERALI***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-Ispettur Pauline D'Amato mressaq nhar il-Ġimgħa, fl-**<u>4 ta' Novembru, 2022</u>** u li nġab għall-għarfien tal-qorti fl-4.00pm. Permezz ta' dan ir-rikors, l-Ispettur D'Amato qiegħda titlob lill-qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2022, fejn kienet ġiet milqugħa talba ta' Repubblika sabiex hija titħarrek bħala xhud;

2. Il-qorti ma ordnatx in-notifika ta' dan ir-rikors, b'jedd għal tweġiba lil Repubblika, minħabba li l-Ispettur D'Amato ressqet dan ir-rikors qrib wisq tas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2022 u għalhekk anke minħabba li hemm is-Sibt u l-Ħadd fin-nofs, ma kienx ħa jkun hemm biżżejjed żmien għan-notifika tar-rikors. Tassew meta wieħed iqis li t-taħrika kienet ilha li nħarġet fl-10 ta' Ottubru, 2022, l-Ispettur D'Amato kien messha ħasbet qabel biex tressaq dan ir-rikors u mhux ressqitu fl-aħħar mument;

3. Illi l-<u>ewwel oġġezzjoni</u> mogħtija mill-Ispettur D'Amato hi li skont l-**artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali** u l-**artikolu 637(5) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili** ma jistax jintalab ħlief bil-permess tal-Avukat Ġenerali, l-esibizzjoni ta'

proċessi verbali, atti ta' kompilazzjoni, jew dokumenti oħra dwar affarijiet kriminali, jekk il-proċess verbal, atti ta' kompilazzjoni, jew dokument ma jkunux iddepożitati fir-reġistru;

4. Għalkemm dan huwa kollu minnu, madankollu huwa sens komun li dawn l-artikoli ma jistgħux jgħoddu meta jkun qiegħed jiġi mistħarreġ l-għemil tal-Avukat Ġenerali nnifsu. Billi f'din il-kawża, Repubblika qiegħda titlob lil din il-qorti sabiex tistħarreġ appuntu l-għemil tal-Avukat Ġenerali, allura huwa ovvju li dan l-artikolu ma jistax jiġi invokat biex iżomm lil din il-qorti milli twettaq xogħolha;

5. L-Ispettur D'Amato tgħid ukoll li l-mandati ta' arrest mitluba minn Repubblika fit-taħrika, jistgħu jinġiebu biss bil-permess ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali skont l-**artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali**. Madankollu billi f'dan il-każ, il-qorti qiegħda tifhem li ma hemmx għaddejjin proċeduri kriminali għaliex l-Avukat Ġenerali sal-lum ma mexxietx bil-prosekuzzjoni, allura dan l-artikolu ma jgħoddx. Dan ifisser li ma hemm l-ebda xkiel fil-liġi biex dawn il-mandati jiġu ppreżentati f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju kontra l-Avukat Ġenerali;

6. Din l-ewwel oġġezzjoni għalhekk mhijiex mistħoqqa;

7. It-tieni oġġezzjoni mressqa mill-Ispettur D'Aamato biex ma tixhidx tinsab imsejsa fuq il-fatt li qed jiġi allegat li hemm xi proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali fl-ICSID kontra Malta li jolqtu din il-kwistjoni;

8. Fl-atti tal-kawża iżda ma nġiebet l-ebda ordni jew deċiżjoni li żżomm lil din il-qorti milli tkompli b'din il-kawża. Għalhekk sakemm ma tinġiebx kopja formali u awtentika ta' deċiżjoni mogħtija minn xi organu ġudizzjarju internazzjonali li ordnat il-waqfien ta' dawn il-proċeduri, din il-qorti ma tistax twaqqaf dawn il-proċeduri;

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiċħad ir-rikors tal-Ispettur Pauline D'Amato mressaq fl-4 ta' Novembru, 2022 u tikkonferma l-ordni tagħha biex hija tixhed fis-seduta li jmiss tat-8 ta' Novembru, 2022.**

**Digriet mogħti llum, nhar it-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2022.**

___

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

___

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**